Mellieħa

11 ta' Settembru 2020

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 18**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **18** li ser issir fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa fis-17 ta' Settembru 2020 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku L-istess laqgħa ser tiġi rrekordjata u l-filmat tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

18.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

18.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

18.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

18.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

18.5. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt Sejħa għall-Offerti MLC 3/2020 - Bdil ta' *outdoor gym equipment* u *rubber flooring* fil-Park tal-Familja;

18.6. Nominazzjonijiet għal premjijiet Anzjanità Attiva;

18.7. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2020;

18.8. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

18.9. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# MOZZJONI

**18.5. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini li tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 3/2020, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi t-tneħħija ta' tagħmir eżistenti u rubber flooring fl-outdoor gym tal-Park tal-Familja, kif ukoll ix-xiri, u tqegħid fil-post ta' tagħmir ġdid;***

***Billi l-għaxar offerti li saru ġew evalwati mil-lat tekniku mill-Contracts Manager tal-Kunsill skont rapport datat 5 ta' Awwissu 2020, flimkien ma' evalwazzjoni li saret minn kumitat maħtur apposta, skont rapport datat 17 ta' Awwissu 2020; u***

***Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2020 ma kinux ġew allokati fondi għal dan il-għan, għandu jsir virement ta' €12,000 mill-vot 7527 (Żvilupp ta' Ġnien Pubbliku fi Triq Mons. F. Xuereb) għall-vot 7509 (Park tal-Familja) sabiex flimkien ma' għotja ta' €10,000 minn SportMalta, jagħmlu tajjeb għall-ispiża nvoluta ;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Gokker Ltd li għamel l-irħas offerta li hija konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fid-dokument tal-offerta.".*** ***(P/4/6/Vol VI)***

Annabelle Brincat Stellini
**Kunsillier (Proponent)**

Gabriel Micallef
**Kunsillier (Sekondant)**